MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2057/2002

## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 t'Ottubru, 2002**

**Numru 26**

**Avviz. numru 2057/02JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta’ estera ta’ The Performing Right Society Limited ta’ Londra**
**vs**

**Joe Abela Fitzpatrick**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta’ attrici fis-27 ta’ Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta’ sitta u sebghin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88), dovut ghall-perjodu mis-6 t’Awissu, 2001 sal-5 t’Awissu, 2002, kwantu ghal sitta u sittin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm66.85) Royalty in konnessjoni mal-licenzja numru 010429 rilaxxata mis-socjeta’ attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment “Main Street Bar and Bistro” u ghaxar liri Maltin u tlett centezmi (Lm10.03) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta’ attrici tablet ukoll il-hlas ta’ l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-Avviz, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 t’Ottubru, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitta u sebghin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 t’Awissu, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza komprizi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**